MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2004

Citazzjoni Numru. 1997/2000/1

**Daniel Bonello.**

**vs.**

**Michael Bonello u martu Linda Bonello u b'digriet tat-30 Gunju 2003, gie kjamat fil-kawza Eric Pace Bonello.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 26 ta' Settembru 2000 (a fol. 1) fejn gie premess:-

Illi, peress li l-attur Daniel Bonello twieled fl-24 ta' Frar, 1968 skond kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid li qed jigi mmarkat Dok "DB1", minn fejn jirrizulta ukoll li hemm registrat il-konvenuti Michael Bonello u martu Linda Bonello bhala omm u missier Daniel Bonello;

Illi, peress li fil-fatt, il-konvenut Michael Bonello mhux genetikament missier Daniel Bonello;

Illi, peress illi l-attur Daniel Bonello ghandu interess li l-istat tieghu jkun skond il-genetika u mhux skond presunzjoni ta’ ligi li fil-fatt ma tapplikax ghalih;

Illi, l-attur lest li jissottometti ruhu ghal kull ezami xjentifiku halli jigi stabbilit li l-konvenut Michael Bonello mhux missieru genetikament;

Illi l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara li l-konvenut Michael Bonello mhux missier Daniel Bonello skond kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid ta’ l-istess Daniel Bonello li jgib in-numru 895 tas-sena 1968 u dan skond l-**artikolu 77 tal-Kodici Civili** u konsegwentement li kull fejn hemm registrat li l-konvenut huwa missier l-imsemmi Daniel Bonello ghandu jigi kkancellat;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici u l-lista tax-xhieda a fol. 3 tal-process;

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat il-verbali tas-seduti datati 14 ta’ Gunju 2001 u 20 ta’ Settembru 2001.

Rat in-nota tal-attur datata 4 ta’ Dicembru 2001 li permezz taghha esebixxa l-affidavit ta’ Eric Pace Bonello u l-affidavit ta’ Linda Bonello.

Rat ix-xhieda tal-attur minn fol 17 sa fol 19 tal-process.

Rat l-avviz datat 5 ta’ April 2002 fejn b’ordni ta’ din il-Qorti din il-kawza giet differita quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D. ghall-Erbgha 26 ta’ Gunju 2002.

Rat il-verbal tas-26 ta’ Gunju 2002 fejn inghata digriet ghall-affidavits tal-partijiet b’teminu ta’ 50 jum kull wiehed.

Rat il-verbali tat-23 ta’ Jannar, 2003, tad-29 ta’ Jannar 2003 u tat-2 ta’ Ottubru 2003 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza *in diffett’ostacolo* ghat-22 ta’ Jannar 2004.

Rat in-nota tal-kjamat fil-kawza Eric Pace Bonello li permezz taghha ddikjara illi kellu relazzjoni sa minn snin qabel ma twieled Daniel Bonello mal-konvenuta Linda Bonello u f’dan iz-zmien Linda kienet diga separata *de facto* minn Michael Bonello. Ghaldaqstant permezz tal-prezenti hu ddikjara illi hu missier Daniel Bonello u li minn meta twieled ha hsieb il-bzonnijiet tieghu.

Rat ir-rapport xjentifiku ta’ Dr. Renald Blundell.

Rat ix-xhieda kollha prodotta.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## **<u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>**

### **i) <u>PROVI PRODOTTI.</u>**

Rat ix-xhieda tal-attur **Daniel Bonello** minn fol 17 sa fol 19 tal-process fejn sostna li huwa dejjem ikkonsidra lill Eric Pace Bonello bhala missieru. Huwa kien jghix ma’ ommu flimkien ma huh Guy Bonello. L-istess Eric Pace Bonello kien zamm kuntatt regolari mieghu u kien jarah bhala missieru. Qalulu li kien missieru meta kellhu tnax il-sena, ghalkemm ommu dejjem qaltlu li dan kien id-*daddy* tieghu. L-konvenuti qatt ma ghixu flimkien taht l-istess saqaf u qatt ma mantnieh. F’okkazzjonijiet tal-familja u fil-precett u l-grizma dejjem l-istess Eric Pace Bonello agixxxa ta’ missiru

Illi l-konvenut **Eric Pace Bonello** fl-affidavit tieghu, li prezentat premezz ta’ nota datata 4 ta’ Dicembru 2001 jghid:

*“Illi, Linda Bonello tigi mart il-konvenut Michael Bonello u jiena konna bdejna relazzjoni bejnietna snin qabel twieled Daniel Bonello fil-fatt ahna ghalkemm ma konniex*

*noqghodu taht l-istess saqaf b'mod regolari imma konna nghixu hajja prattikament ta' mizzewgin u dan il-fatt gie maghruf ghaliex anki fil-pubbliku konna nkunu regolarment u anki fis-socjeta';*
*Illi, meta Linda, mart Michael Bonello harget tqila hija kienet ilha separata de facto minn Michael Bonello, ghalkemm taht l-istess saqaf, u ghalkemm inghata l-kunjom ta' zewgha hija kienet taf definittivament li t-tarbija kienet tieghi;*
*Illi, jien lil Daniel Bonello jien rabbejtu u tghajtu l-assistenza kollha bhala tifel tieghi u sahansitra qed nistenna li dan il-kaz jigi deciz halli formalment naghmel ir-rikonoxximent u nghatih kunjomi;*
*Illi, da parti tieghi lest ukoll li nghati sample tad-demm tieghi ghal kull ezami eventwali biex jigi stabbilit illi Daniel Bonello huwa genetikament it-tifel tieghi, dwar dan qatt ma kelli dubju kif ukoll qatt ma kellha dubju Linda Bonello;*
*Illi, peress illi hija wkoll ix-xewqa ta' Daniel Bonello li jigi rregistrat bil-kunjom tieghi bhala ibni genetikament, jien ghalhekk qed niddikjara ruhi pront ghal dak kollu li jkun hemm bzonn fl-interess ta' l-istess ibni;*
Illi fl-affidavit taghha **Linda Bonello,** liema affidavit jigi prezentat premezz ta' nota datata 4 ta' Dicembru 2001, tghid:-
*"That, I prefer to give my evidence in the English Language;*
*That, I met Eric Pace Bonello in 1962.  In 1965 I started working with him, which employment continued until retirement in 2001.  At the said time both my marriage and Eric's marriage was breaking down and so we began an affair with a strong physical emotional bond which still continues to this day;*
*That, in 1967 I conceived Eric's child while my husband was abroad on holiday.  Daniel was born in 1968 a couple of weeks overdue.  At this time my husband never expressed any doubts over the child's paternity and voiced no objection to registering his name as the father. During this time I gave tacit agreement in order to avoid shame upon's Eric's family and also my husband's family. At the time I thought taht this had to be done in order to protect the child;*

*That, Eric Pace Bonello immediately accepted the child as his own, but this was not done publicly for the same reasons I accepted to register the baby in my husband's name;*
*That, eight months after the baby was born, my husband left home to go and live with his girlfriend, with whom he still resides and has two sons;*
*That, in 1968 we made a legal separation and therefore Mr Michael Bonello showed no interest in the child and had no contact. He did not even pay any child support even though it was stipulated in the separation papers;*
*That, in 1979 Eric separated his wife and therefore we no longer hid the relationship. We are known and accepted as a couple both in business and socially. We were together everywhere, we even travelled together. The common assumption to those around us was taht Daniel is Eric's son. When the child was four years of age my husband requested blood tests to endeavour clarifying paternity. The tests which were held at the Blue Sisters Hospital by Dr. Pullicino showed that the child's blood is A+, myself O+ and my husband O-. In fact the pathologist's written statement concluded that my husband is definitively not the father. Eric Pace Bonello's blood type is A+;*
*That, this year my husband applied for annulment and stated in evidence that Daniel was not his son, even quoting the blood tests. Furthermore, five witnesses stated the belief that Daniel was not my husband's son. Even Eric's wife said that she had been told that Eric was the father;*
*That, the relationship continued with Eric and although always maintaining separate homes, we stayed at each other's houses 2 or 3 nights a week, and most of the weekends were spent together as a family;*
*That, whilst Daniel didn't know Eric as his father he was still a meaningful role model for him and spent much of his time with him. In his teenage years Daniel realized that Eric was his father and became extremely upset at the lack of offical recognition leading to low self-esteem and deep hurt. We then learned that he had restored to hard drugs to alleviate the pain of perceived rejection by his true father;*

*That, Eric acknowledged Daniel as his son and this is now known and made known at every opportunity. In fact Eric's daughter is happy to publicly acknowledge and introduce Daniel as her brother;*
*That, with constant support from Caritas, family and professionals, Daniel spent more than 10 tortuous years working to gain self-esteem and ability to take control and responsibility for his own life. The ultimate turning point in Daniel's life happened after he became a father himself. He is now hard-working and respected and he adores and cherishes his own son;*
*That, Daniel however still suffers from depression and in desperate psychological need to legally carry his true father's name and thus give stability of identity and enabling him to pass true birthright down to his son. Only can give him solid roots in order to ensure that he continues forward positively with his wife".*
Illi rat ir-rapport tal-espert xjentifiku datat 22 ta' Awissu 2003 min fejn jirrizulta li mit-testijiet li saru fuq il-minuri Daniel Bonello, l-konvenuta u Eric Pace Bonello u Michael Bonello, liema tests huma esebiti mal-istess rapport jirrizulta li l-konvenut Michael Bonello *"is excluded as being the biological father of the child",* u *"Eric Pace Bonello cannot be excluded as being the biological father of the child Daniel Bonello. The probability of paternity is 99.9945.*

**<u>ii PRINCIPJI LEGALI</u>**

Illi jidher car li l-attur qed jipprevalixxi ruhu mill-**artikolu 77 tal-Kap 16** li jghid testwalment li:-

*"Il-legittima' ta' tifel imwieled matul iz-zwieg tista' tigi attakkata wkoll minn kull min ikollu interess, jekk jipprova illi, fiz-zmien bejn it-tlett mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel, ir-ragel kien fl-impossibilita' fizika li jghammar ma' martu minhabba li kien il-boghod minnha".*

Illi huwa car li l-hsieb tal-ligi huwa dak li jipprotegi l-istat ta' legittimita` tal-persuna, la darba din twieldet fiz-zwieg, u la darba l-istat ta' l-istess minuri huwa konformi ma' l-istess diskrezzjoni wkoll hajja tieghu, hekk mizmum fir-rejalta'

socjali bhala iben l-istess konjugi. Illi fil-fatt fil-kawza fl-ismijiet **“Pierre Travers Tauss vs Direttur tar-Registru Pubbliku et”** (P.A. F.G. C. 10 ta’ Mejju 1996) inghad li :-

*“Dak li jissejjah ir-‘raison d’etre’ ta’ din id-dispozizzjoni tal-ligi nostrali jinsab enkapsulat fil-kumment ta’ l-awtur Ricci meta huwa jikkomenta dwar dispozizzjoni analoga tal-Kodici Taljan … ….” “Egli ha osservato esistere nell’ordine stesso delle cose una presunzione che sta per la inviolabilita’ dal talamo a per il rispetto della fedelta’ coniugale, la quale presunzione viene avvolorata dalla vita comune degli sposi e fa riguardare il marito come il padre dei concepiti da sua moglie durante il matrimonio. I giuconsulti romano intesero questa presunzione e l’ incarnazione della formula solenne ‘pater is est quiem justae nuptiae demonstrat’. A questo principio, che non e’ tanto un dettato dell’ antica sapienza, quanto un postulato della stessa ragione, confortato dall’ esperienza di molti secoli, si e’ attentuato il legistatore patrio, e percio’ nell’ articolo 159, che il marito e’ padre del figlio concepito durante il matrimonio”* - (**Diritto Civili.** Vol. 1 para 49 pag. 76).

Illi in effetti l-**artikolu 67 tal-Kap 16,** (li jikkorrispondi ma’ l-artikolu 159 tal-Kodici Taljan) jipprovdi li:-

*“L-iben imnissel matul iz-zwieg jitqies li hu bin zewg ommu”.*

Illi fil-fatt din l-azzjoni ttentata mill-attur hija wahda minn tliet azzjonijiet permessibbli fil-ligi taghna sabiex tigi attakkata l-legittimita’ ta’ l-ulied u cjoe’:

(a) L-azzjoni ta’ diskonoxximent jew ta’ *denegata paternita’* a bazi ta’ l-**artikolu 70 tal-Kap 16** li hija miftuha ghar-ragel li fic-certifikat tat-twelid huwa ndikat bhala missier it-tifel imwieled fiz-zwieg, u dan fil-kazijiet indikati tassativament fis-**subartikolu (1) (a) sa (d),** liema azzjoni tattakka l-presunzjoni *“pater est quae iustiae demonstrat”,* u twassal biss mhux biex jigi determinat il-missier tat-tarbija imma biss ghad-dikjarazzjoni li r-ragel ta’ l-omm ma

huwiex il-missier, liema azzjoni ghandha tigi prezentata fit-termini stretti moghtija fl-**artikolu 73 tal-Kap 16.**

(b) It-tieni azzjoni hija dik moghtija biss lit-tifel *ai termini* ta' l-**artikolu 84** sabiex jitlob l-istat ta' iben legittimu u ghaliha japplikaw ir-regoli stabiliti fl-**artikoli 82 sa 85 tal-Kap 16.**

Illi a propozitu ta' din l-azzjoni nghad fil-kawza **"Antonio Scerri Gauci vs Dottor Giovanni Scicluna nomine et"** (A.C. 14 ta' Jannar 1952 li:-

*"Illi din l-ahhar azzjoni tat-tfittxija ta' paternita' hija moghtija biss lit-tifel u hija estiza lill-werrieta jew dixxendenti tieghu fil-kaz biss previst mill-ligi.*

*It-tifel ghandu d-dritt li jitlob stat kuntrarju ghal dak li jaghtih l-att tat-twelid meta ma jkollux pussess ta' stat konformi ma' l-att tat-twelid, u ebda limitazzjoni ohra ma timponilu l-ligi ghall-ezercizzju ta' dik l-azzjoni. Ghaldaqstant lilu ma tolqtux il-limitazzjoni li tolqot lil persuni ohra nteressati, konsistenti f'illi huma jkollhom jippruvaw l-impossibilta' fizika ta' koabitazzjoni tal-prezenti genituri tat-tifel fi zmien rilevanti minhabba lontananza.*

*Meta t-tifel ma hux ostakolat fl-ezercizzju ta' l-azzjoni ta' ricerka tal-paternita' tieghu bil-fatt li dik l-impossibilta' fizika ma tirrizultax; l-unika limitazzjoni li tolqtu hija dik illi tolqtu meta huwa jkun jippossjedi stat konformi ma' l-att tat-twelid tieghu"*

Illi f'kaz maghmul abbazi ta' din l-azzjoni fis-sentenza **"Walter Ahar nomine vs Pio Micallef"** (P.A. A. J. M. 21 ta' Frar 1996) inghad illi *"minn dan it-taghlim jidher li l-fatt li r-ragel ta' omm it-tarbija kien prezenti Malta u kellu l-possibilta' li jkollu relazzjoni ma' martu, ma ghandu jkun ta' ebda xkiel fl-indagini li ghandha ssir sabiex tigi stabbilita l-identita' tal-missier naturali ta' l-istess attur".*

(c) It-tielet azzjoni hija dik kontemplata fl-**artikoli 76 u 77 tal-Kap 16** fejn ghal dak li huwa relevanti ghal dik il-kawza fl-**artikolu 77** jinghad li:-

*"Il-legittimita' ta' tifel imwieled matul iz-zwieg tista' tigi attakkata minn kull min ghandu nteress, jekk jipprova illi, fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel, ir-ragel kien f'impossibilta' li jghammar ma' martu minhabba li kien il-boghod minnha".*

Illi din l-ahhar azzjoni msemmija ta' mpunjazzjoni ta' legittimita' hija miftuha ghal kull terz, inkluz lill-omm u lill-istess tifel peress li hija disponibbli ghal min ghandu nteress, inkluz il-persuna li tallega li hija missier it-tifel.

Illi minn dan kollu jirrizulta li l-ligi taghti l-opportunita' lill-diversi persuni fil-parametri hemm indikati, u biss bl-azzjonijiet fuq indikati sabiex tigi denagata l-paternita' jew anke kontestata l-legittimita`.

Illi pero' fl-opinjoni ta' din il-Qorti l-azzjoni a bazi tal-**artikolu 77** hija subordinata ghal dak li hemm provdut fl-**artikolu 81** li jipprovdi li l-istat ta' iben legittimu ma jista' jigi attakkat minn hadd, lanqas mill-iben innifsu jekk il-minuri jkun akkwista l-*istatus* ta' iben legittimu mill-att tat-twelid u l-pussess tal-istess stat li jaqbel ma' tali att.

Illi fi kliem iehor l-azzjoni ttentata skond l-**artikolu 77** sabiex tirnexxi trid issir fl-ewwel lok a bazi ta' iben jew bint li skond l-att ta' twelid ma jkunx ikkunsidrat bhala legittimu, jew ghalkemm l-istess att ta' twelid jikkunsidrah legittimu, huwa ma jkunx jippossedi l-istess stat ta' legittimu.

Illi l-pussess ta' l-istat ta' iben legittimu skond l-**artikolu 80** *"stabbilit minn gabra ta' fatti, mehudin flimkien, li jiswew biex juru r-rabta ta' filjazzjoni u ta' demm bejn it-tifel u l-familja li hu jghid li hi l-familja tieghu".*

*L-ewlenin fost dawn il-fatti huma:-*

*(a) Illi t-tifel ikun gieb dejjem il-kunjom tal-missier li tieghu jghid li huwa l-iben;*

*(b) Illi l-missier ikun trattah bhala ibnu, u, f'dik il-kwalita' haseb ghall-manteniment u edukazzjoni tieghu, u sabiex jikkollokah*;

*(c) Illi t-tifel gie dejjem maghruf bhala tali min-nies;*

*(d) Illi huwa ikun maghruf bhala tali mill-familja".*

Illi dan ifisser skond is-sentenza **"Malika Cachia Ejjebili et vs Ahmed Kamel El Din et"** (PA.RCP 26 ta' Jannar 2000) li skond il-provvedimenti ta' l-**artikolu 82 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** huwa biss jekk ikun hemm *"nuqqas ta' att ta' twelid* ***jew*** *tal-pussess ta' stat* (u dan skond kif definit fl-**artikolu 80 tal-Kap 16**) *inkella jekk it-tifel ikun gie registrat taht isem falz, … … … li l-prova tal-filjazzjoni tista' ssir b'xhieda ohra li tista' tingieb skond il-ligi".*

Illi mis-sentenzi fuq citati din hija l-unika konkluzjoni logika li tista' tinghata meta jigu mqabbla l-**artikoli 81** ma' l-**artikolu 77,** *stante* li jidher li fl-opinjoni ta' din il-Qorti, il-kundizzjoni kontenuta fl-**artikolu 77** dwar l-impossibilita' fizika, hija wkoll kundizzjoni ohra li kull persuna ohra, apparti l-minuri jekk dan jagixxi *ai termini* tal-ligi.

Illi dan jinsab ikkonfermat fis-sentenza **"Mario Maugeri vs Direttur tar-Registru Pubbliku"** (P.A. RCP 13 ta' Jannar 1999) fejn inghad b'riferenza ghall-fatti f'dik il-kawza li *"Dwar l-**artikolu 81** … … … jigi ndikat li tali artikolu ma huwiex ta' ostakolu ghall-azzjoni odjerna, peress li jidher car mis-segwenti fatt fuq esposti, li l-istess minuri qatt ma kellu l-pussess ta' stat ta' iben legittimu li jaqbel mal-att tat-twelid peress li l-persuna ndikata kienet ilha nieqsa … ... u ommu kienet tghix biss ma' l-attur".*

Illi minn dan johrog car li jekk iben jew bint ikollhom stat ta' wild legittimu, u jkollhom ukoll il-pussess ta' l-istess stat konformi ma' l-att ta' twelid, **hadd** ma jista' jattakka dan l-istat a bazi ta' l-**artikolu 77** anke jekk tigi pruvata l-impossibilta' fizika ndikata fl-istess artikolu. Illi dan gie wkoll konfermat fis-sentenzi **"Concetta Conti nomine vs Angelo Camilleri"** (Vol.XXXII.ii.309) u **"Jesmond**

**Zammit vs Anthony Rapa et"** (P.A. RCP 18 ta' Jannar 2000) fejn inghad:-

*"Illi dan ifisser illi skond il-provedimenti ta' l-***artikolu 82 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** *jekk ikun hemm nuqqas ta' att ta' twelid* **jew** *ta' pussess ta' stat (u dan skond kif definit fl-***artikolu 80 tal-Kap 16***) inkella jekk it-tifel ikun gie registrat taht isem falz … … il-prova tal-filjazzjoni tista' ssir b'xhieda ohra li tista' tingieb skond il-ligi. Fi kliem iehor jekk il-pussess ta' stat ma jaqbilx mac-certifikat tat-twelid il-prova li tohrog mic-certifikat tar-Registru Pubbliku mhux insindakabbli".*

Illi dawn il-principji kollha gew kkonfermati fis-sentenzi **"Stephen Healey vs Clyde Farrugia Vella"** (P.A. RCP deciza fl-1 ta' Marzu 2001 Cit Nru: 1841/98/RCP); **"Carmel Grima et vs Carmelo Borg et"** deciza fil-5 ta' Lulju 2001 Cit Nru. 190/97/RCP, **"Anthony Sant vs John Cutajar et"** (P.A. RCP 10 ta' Novembru 1999); **"Carmel Grima et vs Carmelo Borg et"** (P.A. RCP deciza fil-5 ta' Lulju 2001 Cit Nru: 190/97/RCP); **"Natalino Scerri vs Giovanni Minafo`"** (P.A. RCP deciza fl-14 ta' April 2000 – Cit Nru 1919/98/RCP), **"Domenic Briffa vs Therese Fenech"** (P.A. (RCP) – 30 ta' Mejju 2002 - Cit Nru. 1916/00) u ohrajn.

**(iii) <u>APPREZZAMENT TAL-PROVI.</u>**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li din l-azzjoni saret mill-istess attur sabiex tigi stabbilita l-paternita` tieghu skond id-dispozizzjonijiet tal-ligi.

Illi minkejja l-fatt li l-istess attur gie ndikat fic-certifikat tat-twelid tieghu li huwa iben il-konvenuta Linda Bonello u l-konvenut Michael Bonello li huma kontomaci f'din il-kawza, mill-provi prodotti jirrizulta li r-ragel tal-konvenuta u l-konvenuta kienu ilhom separati *de facto* ghal tul ta' zmien ghalkemm kienu jabitaw taht l-istess saqaf izda bla ebda kuntatt ta' xejn tant li l-attrici u Eric Pace Bonello mal-ewwel kienu jafu li l-istess minuri kien frott ir-relazzjoni ta' bejniethom li ghada ghaddejja sallum.

Illi apparti dan, anke jekk il-minuri; l-attur fi tfulijtu ma kienx jaf, jirrizulta wkoll li l-istess minuri qatt ma kellu l-pussess ta' stat ta' iben legittimu, ghaliex kien maghruf u trattat bhala l-istess Eric Pace Bonello, li dejjem provda ghall-interessi tal-istess ibnu, kif jghidu l-istess Eric Pace Bonello u wkoll l-attur u l-konvenuta.

Illi fuq kollox illum hemm il-prova xjentifika mir-rapport tal-espert xjentifiku nominat mill-Qorti li jipprovdi b'mod konklussiv li l-konvenut Michael Bonello *"is excluded as being the biological father of the child",* u *"Eric Pace Bonello cannot be excluded as being the biological father of the child Daniel Bonello. The probability of paternity is 99.9945".*

Illi minn dan kollu jirrizulta mhux biss li l-istess attur ma huwiex iben il-konvenut Michael Bonello, izda li l-istess minuri huwa abbazi tal-provi prodotti u testijiet medici u xjentifici li saru tad-D.N.A. iben il-kjamat fil-kawza Eric Pace Bonello u l-konvenuta, u ghalhekk ghandhom isiru l-korrezzjonijiet kollha necessarji sabiex fic-certifikat tat-twelid tal-istess minuri missier l-istess minuri jigi indikat bhala dak ta' Eric Pace Bonello li ghandu l-Karta tal-Identita' Numru 0392536 (M) u skond id-dettalji kollha li jidhru mic-certifikat tat-twelid tal-istess Eric Pace Bonello, li l-istess kjamat fil-kawza ghandu jipprovdi lid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxar (10) t'ijiem mid-data ta' din is-sentenza u tigi eliminata kull referenza ghal konvenut Michael Bonello bhala l-missier tal-istess attur, u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha f'dan is-sens.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut Michael Bonello, u fuq ammissjoni tal-konvenuta Linda Bonello u tal-kjamat fil-kawza Eric Pace Bonello, **tilqa` t-talbiet attrici** b'dan illi:-

Tiddikjara li l-konvenut Michael Bonello mhux missier Daniel Bonello kontra dak li jirrizulta mic-certifikat tat-twelid ta' l-istess Daniel Bonello li jgib in-numru 895 tas-sena 1968 u dan skond l-**artikolu 77 tal-Kodici Civili** u konsegwentement li kull fejn hemm registrat li l-konvenut huwa missier l-imsemmi Daniel Bonello ghandu jigi kkancellat u sostwiet bid-dettalji ta' Eric Pace Bonello li ghandu l-Karta tal-Identita' Numru 0392526 (M) u skond id-dettalji kollha li jidhru mic-certifikat tat-twelid tal-istess Eric Pace Bonello, b'dan li ghandha tigi eliminata kull referenza ghall-konvenut Michael Bonello bhala l-missier tal-istess attur inkluz kull korrezzjoni ohra necessarja sabiex l-istess Michael Bonello ma jibqax jigi ndikat bhala missier l-attur, u minflok l-kjamat fil-kawza Eric Pace Bonello jigi ndikat bhala l-missier naturali tal-istess attur.

Illi l-Qorti tordna ukoll li *ai termini* ta' l-**artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li kull korrezjoni hawn ordnata ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart ijiem minn dakinhar li s-sentenza tghaddi f'gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta' kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur tal-Qrati Superjuri, bil-mod preskritt fl-istess dispozizzjonijiet tal-**Kap 16.**

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuta Linda Bonello u l-kjamat fil-kawza Eric Pace Bonello.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------